

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Titolu Eżekuttiv Ewropew](#) > [Austria](#)

# Titolu eżekuttiv ewropew

Awstrija



Awstrija

## SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

### 1. Proċeduri għall-korrezzjoni u l-irtirar (Art. 10(2))

- Fil-każ ta' sentenzi tal-qorti u soluzzjonijiet bil-qorti u l-arranġamenti relatati mal-obbligi ta' manteniment kif imsemmija fl-Artikolu 4(3)(b): rikors għall-irtirar jew għar-rettifika taċ-ċertifikazzjoni billi Ordni Ewropew ta' Infurzar irid ikun ippreżentat lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva li tkun provdied iċ-ċertifikat (l-Artikolu 419(1) u (2) tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni tal-Awstrija (*Exekutionsordnung*)).

- Fil-każ ta' strumenti awtentiċi eżekutorji (*Notariatsakte*): rikors għal rettifika jrid isir lin-nutar li jkun fassal l-istrument awtentiku jew, jekk dan ma jkunx possibbli, lill-uffiċjal responsabbli skont l-Artikoli 119 u 146 tal-Kodiċi tan-Nutara tal-Awstrija (*Notariatsordnung*). Is-setgħa ta' rtirar taċ-ċertifikazzjoni mogħtija min-nutar hija tal-qorti li jkollha ġurisdizzjoni skont il-liġi proċedurali li tiddeċiedi dwar ir-rikorsi ta' kontestazzjoni tal-eżegwibilità ta' strument awtentiku (l-Artikolu 419(3) tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni).

### 2. Proċeduri għar-reviżjoni (Art.19 (1))

- Fil-każijiet li fihom l-att ġie nnotifikat kif suppost: rikors għal liberazzjoni (*Antrag auf Wiedereinsetzung in den vorigen Stand*) mill-effetti ta' skadenza mhux irrispettata għall-ikkontestar tat-talba jew ta' nuqqas ta' attendenza għal smiġħ.

- Fil-każijiet li fihom l-att ma ġiex innotifikat kif suppost: fil-każ ta' deċiżjonijiet soġġetti għal proċedura bi stadju wieħed, bħal ordni ta' ħlas (*Zahlungsbefehl*) jew ordni ta' ħlas ta' kambjala (*Wechselzahlungsauftrag*), rikors għal tiġdid tan-notifika (*Antrag auf neuerliche Zustellung*); fil-każ ta' sentenza mogħtija f'kontumaċja, appell komplut (*Berufung*); u fil-każ ta' deċiżjonijiet oħra bbażati fuq sentenza mogħtija f'kontumaċja, appell dwar punt tal-liġi (*Rekurs*).

### 3. Lingwi aċċettati (Art. 20(2)(c))

Il-lingwa aċċettata skont l-Artikolu 20(2)(c) hija l-Ġermaniż.

Minbarra l-lingwa uffiċjali (il-Ġermaniż), kwalunkwe persuna tista' tuża l-Ungeriż quddiem il-qrati distrettwali (*Bezirksgerichten*) ta' Oberpullendorf u Oberwart, is-Sloven quddiem il-qrati distrettwali ta' Ferlach, Eisenkappel u Bleiburg, u l-Kroat quddiem il-qrati distrettwali ta' Eisenstadt, Güssing, Mattersburg, Neusiedl am See, Oberpullendorf u Oberwart.

### 4. Awtoritajiet nominati biex jiċċertifikaw id-dokumenti awtentiċi (Art. 25)

- Fil-każ ta' arranġamenti ta' manteniment tat-tip imsemmija fl-Artikolu 4(3)(b): l-awtorità amministrattiva li magħha ġie konkluż l-arranġament.
- Fil-każ ta' strumenti awtentiċi eżekutorji: in-nutar li jkun fassal l-istrument awtentiku jew, jekk dan ma jkunx possibbli, l-uffiċjal responsabbli skont l-Artikoli 119 u 146 tal-Kodiċi tan-Nutara tal-Awstrija. Lista kompluta ta' nutara tinsab fis-sit tal-Kamra tan-Nutara tal-Awstrija (*Österreichische Notariatskammer*) fl-indirizz segwenti: <http://www.notar.at/>.

■ L-aħħar aġġornament: 28/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.